MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 693/2002

**Adrian Montanaro**

**Vs**

**Mark Micallef**

**Il-Qorti ,**

Rat ic-citazzjoni pprezentat mill-attur fid-19 ta' Novembru, 2002 fejn wara illi premetta illi:
L-attur odjern gie kkundannat ihallas is-somma ta' tliet mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin  u sebgha u sebghin centnezmu (Lm327.77) bl-imghax mis-17 ta' Mejju, 2002 oltre nofs l-ispejjez tal-kawza u dana permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr Dennis Montebello LL.D. tas-17 ta' Mejju, 2002 fl-ismijiet Mark Micallef vs Adrian Montanaro u Chas Auto Limited (Avviz Nru. 587/00DM);

U l-attur odjern ma gie qatt notifikat bl-Avviz u qatt ma deher ghas-smiegh tal-kawza hekk kif ser jigi ppruvat waqt l-andament ta’ din il-kawza;

U ghalkemm mill-atti processwali jidher li hemm riferta li turi li l-attur odjern Adrian Montanaro kien gie notifikat dan fil-fatt ma gie qatt notifikat peress li ghalkemm ir-riferta tghid illi Adrian Montanaro gie notifikat billi thallietlu kopja ta’ l-Avviz gewwa Hal-Far f’idejn certu Vanessa Mizzi li kienet tahdem ma’ Chas Auto Limited, fil-fatt Adrian Montanaro ma kienx ghadu jahdem f’dak il-post ma’ tali kumpanija u kien ilu hekk ma jahdimx hemm ghal xhur qabel id-data tar-referta u di piu la din Vanessa Mizzi u lanqas xi hadd iehor mill-istess kumpanija ma qatt ghaddew l-Avviz lill-istess Adrian Montanaro bil-konsegwenza li hu qatt ma gie notifikat bil-kawza.

U r-referta ggib id-ata tat-22 ta’ Mejju, 2000 bhala data meta l-Marixxall halla l-Avviz ma’ Vanessa Mizzi gewwa Hal Far, izda l-attur kien ilu ma jahdimx ma’ l-istess kumpanija u kien ilu ma jersaq fl-indirizz taghha minn Dicembru, tas-sena ta’ qabel, ossia Dicembru, 1999.

U l-attur odjern sar jaf biss bid-decizjoni fl-ahhar ta’ Awissu, 2002 meta gie nterpellat biex ihallas u sussegwentement meta gie notifikat b’Mandat ta’ Qbid fl-ismijiet Mark Micallef vs Adrian Montanaro datat 3 ta’ Settembru, 2002;

U ghalhekk hemm lok ghall-ritrattazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab ghalhekk lill-konvenut, il-ghaliex m’ghadhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija u prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna li:

1. tiddikjara illi l-attur odjern qatt ma gie nnotifikat bl-Avviz tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi.
2. Tordna t-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr Dennis Montebello LL.D. tas-17 ta’ Mejju 2002 fl-ismijiet Mark Micallef vs Adrian Montanaro u Chas Auto Limited (Avviz Nru. 587/00 DM);

3. Tordna li ssir ir-ritrattazzjoni tal-kawza fuq imsemmija skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Mark Mciallef fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif jista jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza stante li kien notifikat bil-kawza odjerna;
2. illi ma hemm ebda raguni ghalfejn is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Dennis Montebello tas-17 ta’ Mejju, 2002 fl-ismijiet Mark Micallef vs Adrian Montanaro u Chas Auto Limited (Avviz Nru. 587/00DM) ghandha tigi mhassra u dan kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni ta’ decizjoni moghitja minn din il-Qorti fis-17 ta’ Mejju, 2002 (Avviz Nru. 587/00) fejn gie kkundannat ihallas l-ammont ta’ tliet mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm327.77) u nofs l-ispejjez lil Mark Micallef. L-attur qieghed jghid illi huwa ma giex validament notifikat u quindi dak il-gudikat ma jaghmel l-ebda stat fil-konfront tieghu.

Irrizulta mill-provi li r-referta tal-kawza Mark Micallef vs Adrian Montanaro Et (587/00) giet notifikata lil Adrian Montanaro fit-22 ta’ Mejju, 2000 u thalliet f’idejn Vanessa Mizzi (fol. 22). Din hija segretarja fl-istabbiliment maghruf bhala Chas Auto Limited fejn kien jahdem l-attur sa ftit zmien qabel. Mizzi halliet id-dokument fl-ufficcju, illi haditha Anna Bonnici, li hija l-mara tal-proprjetarju. Din xhedet (fol. 28) illi, “ … meta l-ufficcju rcieva l-att tal-Qorti

indirizzat lil Adrian Montanaro kont jiena personalment illi ghaddejtulu."

Aktar tard pero' qalet li d-dokument baghatitu lill-attur bil-posta (fol. 29). Fl-affidavit taghha, a fol. 31 paragrafu sitta (6) tghid, "Illi Adrian Montanaro kien jaf illi qed issir kawza fil-konfront tieghu u tant hu hekk li ghal seduta minnhom gewwa l-Qorti kien staqsieni dwar x'kellu jilbes u fil-fatt ghal dik il-gurnata kien sahansitra gie akkumpanjat mill-avukat ta' fiducja tieghu Dr Joseph Chetcuti. Dak inhar kull ma gara kien li flimkien ma' l-espert tekniku Joseph Zammit, kienet giet iffissata data ghall-access illi kellu jsir gewwa l-istabbiliment tac-Chas Limited, Hal Far." Bonnici tkompli tghid illi dakinhar waqt l-access Adrian Montanaro kien prezenti kif ukoll Mark Micallef u l-avukat tieghu. Taf illi l-kawza saret kontra taghhom u kontra Adrian Montanaro. L-ewwel darba li kienet kellmitu fuq it-telefon qaltlu illi kienu dahhluh fil-kawza u Montanaro kien qalilha li kien jaf bil-kaz, izda mhux bil-kawza ghax qal li ma rcieva xejn. Pero' meta regghu dehru t-tieni darba Montanaro gie akkumpanjat b'avukat.

Dr. Joseph Chetcuti (fol. 32) xehed illi huwa habib ta' Montanaro. Jaf illi kien cempillu u qallu bil-kawza u li ra daqsxejn impossibbli li tinqata' kawza u ma kienx jaf biha l-attur, aktar u aktar meta spjegalu liema kawza kienet u kien jaf illi diga kellmu dwarha. L-avukat Chetcuti jkompli jghid, "Mistoqsi jekk qallix jekk kienx xhud jew kawza, nghid illi meta kien icempilli kien jghidli 'ghandi kawza' u jkomli jispjegali x'hemm u x'hemmx.“ Cempillu darbtejn u kien qallu fuq il-kawza.

L-attur, minn naha l-ohra, filwaqt illi ma jichadx illi deher il-Qorti u attenda wkoll ghall-access fejn ta l-kontribut tieghu ghal dak illi kien qed jigri waqt l-access, jghid illi huwa qatt ma ssopona illi kien qieghed f'kawza. Rigward il-kaz kien ircieva ittra ufficjal d-dar, izda ma rcieva xejn aktar. Jiftakar lil mara tal-proprjetarju ccempillu biex jitla' l-Qorti jixhed dwar xoghol illi huwa ghamel fuq vettura. Jaf bl-appuntament ghall-access fejn attenda u ltaqa' mall-perit tekniku Joseph Zammit illi kien nominat mill-Qorti. Hawnhekk spjega x-xoghol illi sar fuq il-vettura, izda wara

l-acess ma sema’ xejn aktar, hlief f’Awissu 2002 fejn sar jaf l-ewwel darba illi kien hemm gudikat kontra tieghu.

It-tekniku Joseph Zammit xehed (fol. 42) illi huwa kiteb lill-partijiet fl-indirizz indikat fil-process. Ghas-seduta kienu prezenti l-partijiet u dakinhar gie deciz illi jsir access. Ikompli jghid illi waqt is-seduta lis-Sur Montanaro, “Spjegajtlu li konna ser naghlu access fejn konna ser nezaminaw l-apparat illi allegatament ikkawza hsara fil-karozza …” “Jiena spjegajt liz-zewg partijiet kemm lill-attur u kemm lill-konvenut il-portata tal-kawza u spjegajt lill-konvenut ghal x’hiex kien qed ifittxu l-attur.”

Ikkunsidrat:

L-attur qieghed jinvoga favur tieghu l-Artiklu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jawtorizza smiegh mill-gdid tal-kawza jekk jirrizulta difett fin-notifika.

Il-Qorti taghmilha cara illi l-istitut tar-ritrattazzjoni mhuwiex xi forma ta’ appell jew inkella xi Qorti tat-tielet grad u l-fatti jridu jigu nterpretati b’mod rigidu.

Fil-kawza Fidele Dalli vs Coronatu Sare’ deciza mill-Appell fl-20 ta’ Frar, 1996 intqal li s-sistema gudizzjarja Maltija ma kinitx tipprovdi ghall-Qorti tat-tielet grad u li r-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni huma rimedji straordinarji f’kazijiet unekwivoci ta’ ngustizzja u ghalhekk l-istitut m’ghandux ikun abbuzat. Aktar ricenti hekk il-kawza Arthur Taliana et noe vs Godwin Falzon pro et noe. deciza mill-Appell fil-5 ta’ Marzu, 2003 fejn inghad illi r-rimedju ta’ ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju u ghalhekk il-fatti rrilevati jridu jigu nterpretati b’mod rigidu. Ma tistax ir-ritrattazzjoni tintuza minflok ir-rimedju ta’ l-appell. (Ara wkoll Vol. XXVII pagna 122, Vol. XXVII part I pagna 88, Vol. XXIX part I pagna 798, Vol. LXXVIII part II pagna 13)

Ghalhekk, biex l-attur ikollu success b’din l-istanza, jrid jipprova mhux biss difett fin-notifika, izda li l-process gudizzjarju kollu sar ad insaputa tieghu u hu ma pparteċipax f’tali process.

Irrizulta mill-provi illi n-notifika saret f'idejn Vanessa Mizzi, illi kienet impjegata mas-socjeta' Chas Auto Limited, li maghha kien jahdem l-attur. Fi zmien in-notifika l-attur ma kienx ghadu jahdem ma din is-socjeta', izda Anna Bonnici, direttur ta' l-istess kumpanija tghid illi hija baghatet l-ittra lill-attur u cemplitlu u qaltlu bid-data tal-kawza, meta kellu jitla u fejn.

L-attur deher il-Qorti u ha nota ta' dak illi kien qed jigri, tant hu hekk illi kien prezenti waqt l-access illi gie mizmum mill-perit tekniku. Skond il-verbali ta' dan l-access, l-attur ippartecipa attivament u anki wiegeb ghad-domandi kollha li saru mill-perit tekniku.

Wara dan jghid illi ma rcieva xejn aktar. Dana jista' jkun, pero' l-Qorti mhijiex konvinta li l-attur ma kienx jaf illi kellu kawza kontra tieghu. Veru illi seta' kien hemm difett fin-notifika, pero' l-attur ippartecipa bis-shih bil-process kollu tal-Qorti u kien jaf x'kien qed jigri. Apparti l-fatt illi Anna Bonnici ghamlitha cara illi avzatu b'dak illi qed jigri, l-istess perit tekniku a fol 42 ghamilha cara illi spjega liz-zewg partijiet il-portata tal-kawza u "spjegajt lill-konvenut ghal x'hiex kien qed ifittxu l-attur."

L-attur odjern jaf sew id-differerenza bejn xhud u kawza, tant hu hekk illi huwa stess jghid a fol. 36 illi kien gie mghajjat bhala xhud f'kaz illi kienet involuta karozza tat-tip BMW. Telgha jixhed u qal car u tond illi bhala xhud ma kellux bzonn avukat. Din id-darba pero' dehrlu illi kellu jitlob is-servizzi ta' Dr Joseph Chetcuti u fil-fatt kien cempillu u qallu bil-kawza. L-avukat Chetcuti jghid (fol. 32) li l-attur dejjem kien ikellmu dwar il-kawza, cempillu mill-anqas darbtejn ikellmu fuq is-suggett. Quindi din ukoll hi ndikazzjoni cara illi l-attur Montanaro kien jaf sew illi kellu kawza quddiemu u kien qed jippretendi li kien ser jigi mfittex minn Mark Micallef.

Fil-bidu tal-kontro ezami tieghu (fol. 37) jghid car u tond, "Jiena ridt illi Mark Micallef ifittixni." Imma, forsi l-veru animu ta' l-attur johrog car fid-deposizzjoni tieghu illi tidher a fol. 36, fejn fit-tieni paragrafu jghid, "Jiena kont naf illi kien hemm il-kawza u ridt nixhed. Ma kienx jimpurtani

kontra min kienet il-kawza, kontx jiena, kienx hadiehor, basta ma jirbahx Mark Micallef. Jiena dehrli illi ma jistax ikun illi Mark Micallef, illi ha kors ta' ftit xhur jippretendi illi jghallem lili meta jiena domt sitt snin nitghallem bhala technician." Hawn tidher cara illi saret pika bejn l-attur u l-konvenut u kif qal tajjeb l-attur, ma kienx jimpurath kontra min kienet il-kawza, basta ma jirbahx Mark Micallef.

Dan ta' l-ahhar seta' jirbah jew jitlef biss f'kawza u mhux f'xi haga ohra u jekk verament kien daqshekk assidwu fil-pika tieghu kontra Mark Mciallef, allura zgur illi l-attur kien jaf sew ghal x'hiex gie msejjah biex jirrispondi fil-kawza. Ma kinitx biss il-parti teknika illi l-attur kien jimpurtah, imma l-iskop tieghu kien imur oltre u cioe' li jidhol f'konfront dirett ma' Mark Micallef u jfittxu f'kawza.

Il-Qorti ssibha ferm difficli li temmen li issa li saret il-kawza l-attur jigi jghid illi ma jafx illi kien fiha. Minkejja mankanza fin-notifika, meta persuna tidher fil-proceduri, tiehu parti attiva f'dawk il-proceduri, tkun qieghda tirrinunzja ghall-effetti tan-notifika u ma tistax wara tghid illi ma kinitx taf bil-kawza meta l-gudikat ikun kontra taghha. L-indikazzjonijiet kollha f'din il-kawza huma illi Adrian Montanaro kien jaf illi kellu kawza kontra tieghu. Ma jistax issa fi stadju daqshekk tard jeccepixxi mankanza fin-notifika meta huwa stess kien implicatament irrinunzja ghal tali mankanza bil-prezenza attiva tieghu fil-kawza.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li talba ghal smiegh mill-gdid pretiza mill-attur ma tistax tigi accettata.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------